**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 TA' FRAR, 2021.**

**Rikors Nru. 470/20GM**

**Cerviola Holidays Ltd C93774**

**vs**

**TACA Insaat Ve Ticaret A.S.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi li wara li ppremettiet illi:-

1. Tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' €250,289, oltre l-imgħaxijiet legali, bilanċ tal-prezz ta' alloġġ, ikel, transport u servizzi relatati, kif jidher dettaljat fl-istatement anness u mmarkat Dokument A.
2. Minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont hekk dovur minnha, u minkejja li ma tikkonstestax li din is-somma hija dovuta, sal-lum baqgħet ma ħallsitx.
3. Jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (kap 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ tagħha billi d-dejn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-ammont imsemmi.

Talbet lill-Qorti sabiex:

(i) Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u

(ii) Konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-esponeneti s-somma ta' €250,289, oltre l-imgħaxijiet legali, bilanċ tal-prezz tal-alloġġ, ikel, trasport, servizzi relatati, kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' Sekwestru numru 656/2020 preżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 u bl-imgħaxijiet kummerċjali, inklużi dawk dovuti skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat in-nota tas-soċjeta` konvenuta li permezz tagħha ammettiet it-talba kif dedotta.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €250,289, oltre l-imgħaxijiet legali, bilanċ tal-prezz tal-alloġġ, ikel, trasport, servizzi relatati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' Sekwestru numru 656/2020 ppreżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 u bl-imgħaxijiet kummerċjali, inklużi dawk dovuti skond il-liġi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA